KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 21/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 21

*L-Erbgħa 17 ta' Frar 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' b'mod virtwali permezz tal-pjattaforma ZOOM nhar l- Erbgħa 17 ta' Frar 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku*<br>Darren Lynch - *Viċi Sindku*<br>Rita Delezio - *Kunsilliera*<br>Yvonne Arqueros – *Kunsilliera*<br>Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier*<br>Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

**1. Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-Kunsilliera Axisa u Bartolo talbu li jkun skużati minħabba xogħol. Il-membri aċċettaw l-apoloġiji bħala ġustifikati.

**2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr. 20 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt 5.2 il-Kunsilliera Yvonne Arqueros infurmat lill-membri illi ġie konfermat li sfortunatament il-Kunsill Lokali Paola ma jistax japplika għall-iskema tar-restawr fid-dawl li kien tiġa ibbenefika mill-iskema f'dawn l-aħħar tlett snin.

**3. Korrispondenza**

3.1. Korrispondenza mingħand il-grupp Teatru Salesjan sabiex isir attività żgħira ta' drama fil-pjazza. Il-membri approvaw diment li l-attività tkun konformi mal-miżuri tal-Awtoritajiet tas-saħħa.

**4. Stqarrijiet Finanzjarji 2020**

4.1. Is-Sindku stieden lill-qccountant tal-Kunsill sabiex tagħti rendikont tal-estimi finanzjarji kif ppreżentati lill-membri tal-Kunsill. Il-membri iddiskutew dawn l-estimi u dawm ġew approvati b'mod unanimu. Flimkien ma' dawn l-estimi il-membri approvaw ukoll il-*business plan* 2021-2025 u r-rapporti ta' kull kwart kif ppreżentati.

4.2. Il-membri irringrazzjaw lill-accountant tal-impenn tagħha.

**5. Tours Virtwali-Skema reġjun Xlokk**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-membri l-inizjattiva kif proposta mill-Kunsill Reġjonali fejn isiru *tours* virtwali tal-knejjes parrokkjali tal-lokalita li jkunu imħallsa mir-reġjun. Il-Kunsillier Camilleri li kien attenda il-laqgħa tar-reġjun li ddiskutiet din il-materja, qal li l-iskema proprjament tkopri knisja waħda u mhux tnejn. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-proposta tal-kuntrattur intbagħtet biż-żewġ knejjes għall-ammont ta'

€1,580 li jkunu umbagħad *refunded* mir-reġjun. Il-membri iddiskutew il-proposta u qablu li jsiru iż-żewġ parroċċi tal-lokalita u għaldaqstant talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jikkonferma l-istima mal-kuntrattur.

## 6. ***Skema Smart Solutions for Waste Management.***

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri bl-iskema maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali bl-isem *Smart Solutions for Waste Management* relatata ma' inizjattivi dwar l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li l-Kunsill ġie avviċinat mill-iskema GreenPak bi proposta fejn isir waste collection point ikkontrollat bis-CCTV u anke bil-*cards* personalizzati għall-uża tas-sit, li fih wieħed ikun jista' jiddepożita mil-iskart riċiklabbli, organiku u dak domestiku. Il-membri iddiskutew din il-proposta u qablu li għanda issir applikazzjoni sabiex isir dan is-sit viċin tal-A3 Towers fi Triq Ninu Cremona.

## 7. **Suq**

7.1. Is-Sindku qal li xtaq jinforma lill-membri bl-iżviluppi li saru fuq ir-riforma tas-Swieq fil-beraħ fosthom dak ta' Paola. Huwa żied illi jinsab infurmat illi f'dawn l-aħħar erba' xhur beda eżerċizzju mill-Ministeru konċernat fejn qed jintbagħtu għall-bejjiegħa sabiex jaraw li l-permessi tagħhom huma validi. Huwa qal li jidher li dan il-proċess fadallu madwar xahar ieħor fejn umbagħad il-Ministeru ser jibgħat għall-Kunsilli li għandom swieq fil-beraħ sabiex jiddiskuti wkoll magħhom. Is-Sindku qal li l-Kunsill jifhem l-inkonvenjent li dan jikkawża fuq ir-residenti però fakkar illi r-responsabiltajiet tal-Kunsilli fuq is-Swieq huma limitati ħafna.

7.2. Infatti hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv kwota id-dokument tar-riforma fejn hemm bosta obbligi fuq id-Dipartiment tal-Kummerċ u fuq il-bejjiegħa nfushom. Il-Kunsill limitat biss li jżomm lista tal-posti allokati. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill pressjoni mal-awtoritajiet jista' jagħmel fejn tidħol l-infurzar u s-sanita.

7.3. Il-Kunsillier Camilleri qal li tas-Sanita kienu inġiebu fejn dawn qalulu li ironikament hemm kollox sew.

## 8. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.1. Is-Sindku informa lill-membri dwar ix-xogħolijiet pendenti fi Triq il-Foss fuq il-binja ta' Casa Flamini. Is-Sindku fakkar illi t-triq kienet ingħalqet mill-Pulizija wara li l-Periti tal-Awtorità tal-Artijiet irrapurtaw il-periklu li jista' jaqa l-ħajt. Kompla li l-ewwel parti tax-xogħol sargħet però issa irid isir il-ħajt ta' protezzjoni. Is-Sindku kompla li qabel isir dan il-ħajt it-triq ma tistax tinfetaħ u għaldaqstant huwa qed jagħmel il-pressjoni meħtieġa sabiex isir ix-xogħol u wara li kellu kuntatt mal-Awtorità tal-Artijiet qalulu li qed jistennew permess urġenti mill-Awtorità tal-Ippjanar biex isir il-ħajt.

8.2. Is-Sindku informa lil-membri illi tkompla ix-xogħol fuq il-proġett tal-Paola Hill fejn qed isir ix-xogħol fuq it-tender kif ukoll tkompla il-proċess tal-permess mall-Awtorità tal-Ippjanar però dan twaqqaf b'mod temporanju sakemm jinħareġ permess mill-Awtorità tal-Artijiet sabiex isir il-proġett fuq l-art tal-Gvern.

8.3. Is-Sindku kompla li ma dan ix-xogħol ser ikompli wkoll ix-xogħol fuq il-proġetti ta' Ġnien San Alwiġi u Ġnien Pawlu Boffa.

8.4. Is-Sindku qal li tqassmu mal-4000 maskra marbuta mal-inizjattiva tal-Kunsill u dawk ir-residenti li ma ħadux maskra jistgħu jiġu għalihom.

## 9. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>

9.1. Il-Viċi Sindku fakkar fit-talba li kienet sargħet għall *sleeping police* fi Triq il-Ġdida kif ukoll dwar il-possibilità li sakemm jitlesta ix-xogħol fuq Ġnien Lorry Sant jitwaħħlu xi bankijiet temporanji. Dwar l-*sleeping police* is-Sindku irrisponda li beda ix-xogħol mill-kuntrattur u dwar il-Ġnien Lorry Sant is-Sindku qal li qed isir xogħol fuqu mal-Perit ukoll sakemm ikun jista' jaqdina il-Kuntrattur.

9.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar ix-xogħolijiet pendenti tal-pjazza speċjalment dwar l-art li nieżla. Is-Sindku irrisponda li wasal fl-aħħar fażi tad-diskussjonijiet dwar il-finanzjament tax-xogħol li irid isir kif ukoll diskussjonijiet għaddejjin ma Infrastruttura Malta sabiex isiru x-xogħolijiet fit-triq.

9.3. Il-Kunsillier Yvonne Arqueros staqsiet dwar id-dog park li kellu isir kif ukoll dwar il-*masterplan* li kellu isir fil-pjazza speċjalment għal meta niġu lura għan-normalita. Is-Sindku informa li kien beda l-proċess mill-Perit l-ieħor però issa reġa beda ix-xogħol mill-ġdid mill-Perit preżenti.

9.4. Il-Kunsillier Camilleri xtaq jitlob għal aktar prudenza mir-residenti dwar il-ħmieġ tal-klieb li qed ikun hawn f'diversi akwati. Huwa kompla li qed isir moniteraġġ mal-*Contracts Manager* dwar jekk hux qed jinkines il-post però hemm bżonn ta' aktar prudenza min-nies.

## 10. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 21 għas-somma ta' €42,781.77.

## 11. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:55pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021.

| | |
|---|---|
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |